# 17. Għanja lil-Larinġa

Ma nafx, Larinġa tagħna, x'nibda nfaħħar
fik – jekk il-ġmiel taż-żahar illi jfewwaħ
u jkewkeb bil-eluf fis-sema diefi
tal-weraq aħdar;

Inkella tal-għejjel il-mixgħela
tidheb fil-lejl tal-friegħi waqt li x-xitwa
iżżewwaq il-bukkett taċ-ċinerarja
taħt kenn siġrietek;

Inkella l-benna ta' dak merqek demmi,
għaxqa taż-żgħir u l-kbir, tulek ja sena,
u saħħa tal-felħan u faraġ ħlejju
tal-bniedem għaxi;

Iżda fuq kollox it-tifħir jixraqlek
għaliex taħt ġmielek ma taħbix is-susa
bħall-ħawħ, u jekk tintmess, tintmess mill-qoxra
fid-dawl tax-xemx.

Il-ġmiel, il-benna, u s-sħuħija tiegħek
Larinġa tagħna, ġagħ'lu n-nies li jaħtru
lilek minn ġol-imsaġar biex iżżejjen
ras il-għarusa.